TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 299/11 (JE).

Christy Cremona

vs

Immagine Casa Ltd..

Illum, 29 ta' April 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Christy Cremona li fih lmentat illi l-appliances illi kienet xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta beda jitfaċċalhom is-sadid minkejja illi huma ta' l-istainless steel. Peress illi s-soċjetà konvenuta ma tridx tbiddel dawn l-oġġetti, talbet kumpens ta' € 1,000.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha sostniet illi l-post fejn kienet installat il-kċina li nbiegħet lill-attriċi kien umduż u nieqes mill-ventilazzjoni. Skond is-soċjetà konvenuta, l-istainless steel iddeterjora minħabba dina l-kundizzjoni. Is-soċjetà konvenuta sostniet ukoll illi infurmat b'dan kemm il-darba lil Daniel Cucciardi u illi minkejja illi ppruvat diversi darba tikkuntattja lill-attriċi dwar dan l-ilment, qatt ma rnexxielha ssibha.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-fatt, it-Tribunal ghandu quddiemu l-verżjoni tal-attriċi biss ghax is-soċjetà konvenuta ghazlet illi ma tressaqx provi hlief ghal xi kontra-ezami ta' xhieda prodotti mill-attriċi. Ghaldaqstant, is-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma ppruvat it-tezi taghha illi s-sadid illi tfacca fl-appliances illi kienet bieghet lill-attriċi kien dovut ghall-umdità jew nuqqas ta' ventilazzjoni fil-fond tal-attriċi illi min-naħa tagħha, ipprodu ċiet rapport tekniku illi ġie ukoll ikkonfermat bil-ġurament ta' min irrediġieh illi juri illi l-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta ma tistax tigi sostnut

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Min-naha l-ohra, jidher illi ma giex ikkontestat illi fl-appliances in kwistjoni, tfacca s-sadid minkejja illi kienu tal-istainless steel. Ghaldaqstant, jidher evidenti illi tali appliances huma affetti minn difett okkult illi kieku kienet taf bih l-attriċi, ma kienetx tixtri l-oggetti in kwistjoni jew toffri prezz anqas ghalihom u huma applikabbli l-provvedimenti tal-Kap. 16 u senjatament, l-artiklu 1424 et se. tal-Kap. 16. Huwa evidenti illi l-attriċi qieghda tezercita l-azzjoni stimatorju ladarba ma rritornatx l-oggetti imma talbet kumpens minħabba s-sadid illi ħareġ fl-istess oġġetti.

Illi provi dwar kemm għandu jsir it-tnaqqis fil-prezz ma sarux u għaldaqstant, it-Tribunal *arbitrio boni viri* qed jiffissa s-somma ta' ħames mitt euro (€ 500) għal tali skop.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' it-talba attriċi limitatament fis-somma ta' € 500 bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.